MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 172/2015

**Alfred u Sylvana konjugi Testa**

**(K.I. Nru. 0106154M u 0604956M)**

**vs**

**Joyce Vella James (K.I. Nru. 0793339M)**

**Maria Carmen James (K.I. Nru. 0539759M)**

**Rita Briffa (K..I. Nru. 0459060M)**

**Josette Calleja (K.I Nru. 0184466M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-Rikors promotur f'isem Maria Carmen James, Rita Briffa u Josette Calleja datat l-24 ta' Frar, 2015, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 2015 li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fid-data hemm indikata, (ara foll 9);

3. Rat ir-risposta ta' Alfred u Sylvana konjugi Testa (ara foll 18);

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

6.0. Illi r-rikorrenti odjerni sintetikament esponew is-segwenti:

6.1. Illi fl-20 ta' Frar, 2015, l-intimati konjugi Testa, ottenew mandat ta' sekwestru fuq riferit fl-ammont ta' sbatax-il elf hames mija u sebgha u disghin Euro u seba' centezmi (€17,597.07) fil-konfront tar-rikorrenti odjerni u tal-mama taghhom Joyce Vella James li m'hix parti mill-procedura odjerna;

6.2. Illi r-raguni ghaliex inhareg is-sekwestru *de quo* hu l-allegat sehem is-sekwestrati hawn rikorrenti li huma ghandhom minn debiti tal-gestjoni ta' l-"*All Saints Bar and Restaurant"*;

6.3. Illi proceduri fir-rigward ghadhom ma gewx istitwiti;

6.4. Illi fir-rigward tal-gestjoni ta' l-imsemmi *restaurant* ir-rikorrenti odjerni sintetikament isostnu s-segwenti:

6.4.1. Illi l-imsemmi *restaurant* hu gestit unikament mill-intimati odjerni Testa;

6.4.2. Illi l-istess konjugi Testa ilhom hekk jiggestixxu l-imsemmi fond sa mill-1989;

6.4.3. Illi omm ir-rikorrenti odjerni kienet biss tghin lill-intimati odjerni Testa;

6.4.4. Illi ta' dan is-servizz, l-imsemmija Vella James ma kienitx tircievi paga jew salarju, u dan, mill-1997;

6.4.5. Illi l-kera ta' l-imsemmi fond kienet tghajjat biss lill-intimati Testa;

6.4.6. Illi huma l-istess intimati Testa biss li huma responsabbli ghall-ispejjez tal-gestjoni ta' l-istess stabbiliment;

6.4.7. Illi dawn ir-responsabbiltajiet tal-intimati Testa gew kristallizzati f'diversi proceduri legali li ghalihom, ir-rikorrenti odjerni kienu estranei;

6.4.8. Illi l-hrug tal-mandat in dizamina qed johloq inkonvenjenzi kbar lir-rikorrenti;

6.4.9. Illi hu proprju issa li Joyce Vella James waqfet tippresta s-servizzi taghha lill-intimati fl-imsemmi stabbiliment – wara servizz ta' sbatax-il sena (17) shah;

6.4.10. Illi l-istess sekwestru in dizamina qed isir in ritaljazzjoni ghal proceduri intavolati kontrihom mill-istess Vella James;

6.4.11. Illi ghalhekk il-mandat in dizamina hu frivolu,skorrett u illegali;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess l-istess rikorrenti odjerni talbu lil din il-Qorti biex:

7.1. Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 296/2015 fuq indikat;

7.2. Fin-nuqqas, li l-istess mandat jigi limitat biss fil-konfront ta' Joyce Vella James;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-intimati odjerni konjugi Testa esponew sintetikament is-segwenti fatti relattivament ghall-vertenza odjerna;

8.1. Illi l-ahwa Testa,Alfred, Benjamin u Joyce, (illum Vella James), u Renald Vella James, ir-ragel ta' Joyce, illum mejjet, krew l-istabbiliment in dizamina fuq gia riferit, (ara paragragu numru sitta punt tnejn, (6.2), aktar qabel);

8.2. Illi fuq parir appozitu, irrizulta li l-ahwa fuq imsemmija waqfu socjeta` kummercjali civili biex jiggestixxu l-imsemmi stabbiliment;

8.3. Illi qatt ma kkonsolidaw skritturi formali biex jirregolaw il-ftehim hekk milhuq, ghalkemm gew iffirmati diversi skritturi li jikkonfermaw l-ezistenza ta' l-istess;

8.4. Illi l-intimat odjern u zewgt Joyce Vella James kellhom numru tal-VAT komuni bejniethom;

8.5. Illi qatt ma kien hemm dubju bejn il-partijiet li l-ispejjez akkumulati maz-zmien kienu ser jinqasmu ugwalment bejniethom;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess l-istess intimati odjerni talbu lil din il-Qorti biex:

9.1. It-talbiet tar-rikorrenti jigu respinti;

9.2. Bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

10.1. Illi din il-procedura taht l-artiklu 836 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta naxxenti minn mandat ta' sekwestru, precedentement mahrug fil-konfront tar-rikorrenti odjerni u tal-mama` taghhom li effettivament hi estranea ghall-procedura odjerna, u dan, mill-intimati odjerni l-konjugi Testa;

10.2. Illi t-talbiet odjerni kif inoltrati mir-rikorrenti fuq indikati sintentikament jitolbu:

10.2.1. Ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in dizamina;

10.2.2. U alternattivament, li l-istess mandat fuq riferit jigi limitat biss fil-konfront ta' Joyce Vella James;

Ikkunsidrat:

11. Illi ghandu jkun pacifiku li l-effett finali ta' l-istess talbiet tar-rikorrenti hu indentiku – senjatament, li l-mandat ta' sekwestru, fiz-zewg okkazjonijiet postulati mir-rikorrenti, jkollhom l-istess effett;

12. Illi ghalhekk, it-tieni talba tar-rikorrenti tirrizulta li hi effettivament superfluwa;

Ikkunsidrat:

13. Illi l-intimati odjerni, min-naha taghhom, qed isostnu li kien hemm gestjoni komuni tal-istabbiliment in dizamina;

14. Illi konsegwentement, l-istess intimati ghandhom jaqsmu maghhom l-ispejjez inkorsi fil-gestjoni ta' l-istess stabbiliment;

15. Illi pero`, ir-rikorrenti jsostnu li l-intimati odjerni li instigaw il-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern, naqqsu milli jipprocedu ulterjorment b'azzjoni appozita in sostenn tal-lanjanza taghhom, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

16. Illi l-mertu in dizamina hu limitat ghal ulied oht l-intimat Testa, li tigi l-armla tas-sieheb tieghu fil-gestjoni ta' l-istabbiliment *de quo*;

17. Illi ghalhekk, effettivament, ir-rikorrenti odjerni huma estranei ghal kwalunkwe ftehim kif allegat mill-istess intimati odjerni;

18. Illi *di piu`* l-intimati ma ressqu l-ebda prova rigwardanti l-fatt jekk l-istess rikorrenti effettivament wirtux jew irrinunzjawx ghall-wirt ta' missierhom Ronald Vella James;

19. Illi ghalhekk, fl-istat tal-fatti kif esposti f'din il-procedura, ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandhom xi rabta mal-lanjanzi tal-intimati;

DECIDE:

20.0. Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi, u ghalhekk:

20.1. Tiddikjara li qed tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrenti odjerni;

20.2. Tirrespingi r-risposti ta' l-intimati konjugi Testa;

20.3. Tirrevoka l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru numru 296/15 fl-ismijiet fuq indikati;

20.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati odjerni Alfred u Sylvana konjugi Testa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------